# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 16

L-Erbgħa 19 ta'Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**19 ta' Awwissu 2020**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**16.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-15

**16.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 15 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**16.3.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru kuntatti mal-pulizija kif ukoll mal-*Animal Welfare* dwar il-problema tal-ħamiem selvaġġ fl-Għasri. Peress li l-Kunsill ma ngħatax direzzjoni dwar din il-problema l-Kunsill ħa deċiżjoni sabiex jinqabdu minn xi ħadd professjonali u jiġu meħlusa f'post ieħor.

**16.3.02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-ERA dwar "Register of Licensed Tree Specialists". Kull min jiżbor jagħmel xi ntervent fuq siġar skont l-iskeda mibgħuta mill-ERA jrid jkun irreġistrat mal-ERA.

**16.3.03** Korrispondenza mingħand l-MFCS – Parl Sec dwar Premju Anzjanita' Attiva 2020. Il-Viċi Sindku ppropona lill-Kunsilliera Elizabeth Mintoff għal dan il-premju. Ġew iċċekkjati r-regolamenti għall-eliġibilta. "Ma jistgħux jiġu nominati anzjani abbażi tal-attiviżmu tagħhom fil-politika". Minħabba dan ir-regolament din in-nomina ma tistax isseħħ.

**16.3.04** Korrispondenza mingħand it-Transport Malta dwar *European Mobility Week.*

**16.3.05** Risposta mingħand TM (Sezzjoni Għawdex) dwar it-talba għar-*reserved parking* minħabba persuna li għandu karrozza tal-*electric* u ma jkunx jista jiċċarġja l-karrozza. Din it-talba ġiet rifjutata.

**16.3.06** Rapport mingħand il-*Contract Manager*. Ma kien hemm xejn mhux normali.

**16.3.07** Ċirkulari Numru 6/2020 – Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart.

**16.3.08** Ittra mingħand il-Wasteserv dwar il-proċedura ġdida tal-ġbir tal ħġieg mill-1 ta' Settembru 2020. Il-ħġieġ irid jinħareġ f'kontenitur tal-plastik biss.

**16.3.09** Il-Kunsill irċieva ittra *draft* tal-proposti għall-baġit 2021 mingħand ir-Regjun Għawdex lill-Onorevoli Ministru Profs Edward Scicluna. Fl-ittra l-Għasri imsemmi għat-tiswija tat-triq li tagħti għall-bajja ta' Wied l-Għasri kif ukoll sabiex jingħata fondi biex tinħoloq żona rikreattiva. Ma' dawn il-Kunsill ħa jżid biex titranġa l-għassa tal-pulizija li tinsab f'kundizzjoni ikkundunata kif ukoll biex issir "charging point" għall-karrozzi tal-*electric*.

**16.3.10** Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għall-istampar tal-kalendarji tas-sena 2021 biex jitqasmu lir-residenti tal-Għasri. Il-Kunsill għażel l-aktar waħda vantaġġjuza.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:

**16.4.01** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff talbet sabiex il-ħadida fejn jiddendel iż-żibel fi Triq ta' Għammar titneħħa. Dan għaliex qed ikun hemm miżbla madwarha. Hi talbet ukoll sabiex iż-żibel minn ġot-toroq San Pupulju, Dun Ġużepp Cassar u d-Dehra jinġabar minn wara l-bibien. Inġibdet l-attenzjoni li fejn hemm residenzi li jinkrew suppost ikollhom servizz ta' ġbir ta' skart privat. Il-Kunsilliera qablu li l-ħadida titneħħa u titwaħħal tabella li tindika li skart m'għandux jintremma hemm.

**16.4.02** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab sabiex il-Kunsill jerġa jitlob lit-TM sabiex isiru "double yellow lines" fi Triq Ta' Għammar faċċata ta' Triq il-Fanal. Dawn kienu ġew rifjutati mit-TM.

## 16.5 Attivitajiet fl-Għasri.

**16.5.01** L-attivitajiet li kienu ser jiġu organizzati mill-Kunsill tħasru minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija u r-restrizzjonijiet imposti. Għalhek il-ħarġa għal Kemmuna kif ukoll l-attivita' ta' Traditions mhux ser isiru din is-sena.

**16.5.02** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-persuna nnominata mill-Kunsill għall-Premju Ġieħ l-Għasri, Dr. Theresa Cutajar, Ambaxxatur ta' Malta fit-Turkija aċċettat in-nomina. Il-quddiesa ta' radd il-ħajr ser tiġi posposta għal meta tkun f'Malta Dr. Cutajar. Waqt din il-quddiesa tingħata t-tifkira tal-Premju Ġieħ l-Għasri.

## 16.6 Rapporti:

**16.6.01** Rapport ta' kull kwart Jannar-Ġunju 2020. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**16.6.02** Rapport ta' Evalwazzjoni. Rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni dwar l-offerti ta' 'Major Road Asphalting Works in Għasri'. Il-Kunsilliera approvaw ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni.

## 16.7 Applikazzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar fl-Għasri.

**16.7.01** Il-Kunsill innota diversi applikazzjonijiet ta' żvilupp fil-konfini tal-Għasri. Dawn jinsabu fl-ODZ (Outside development zone). Dawn huma PA/04905/20, PA/04883/20, PA05466/20. Wara li l-Kunsilliera raw dawn l-applikazzjonijiet kollha, qablu li għandhom isiru oġġezzjonijiet fuq kull applikazzjoni peress li dawn jinsabu fl-*areas* li mhux għal bini. Fil-passat il-Kunsill għamel oġġezzjonijiet simili u l-Kunsill għandu jagħmel l-oġġezzjonijiet tiegħu fuq l-istess bażi.

**16.7.02** Il-Kunsill ġie nformat li saret oġġezzjoni għall-applikazzjoni tal-Kunsill (PA04401/20) "Proposed recreation garden consisting of new rubber flooring, new fencing, new play equipment and relocation of existing statue" mill-kap tal-iskola Laura Vicuna. Il-Kunsill għandu jirribatti din l-oġġezjoni peress li dan kien ibbażat fuq l-ipparkjar tal-karrozzi tal-ħaddiema tal-iskola. Il-Kunsill għandu jagħmel pjan ta' *traffic management* ġdid fl-inħawi tal-iskola. Wieħed irid jiftakar li din l-*area* hija privata u għalhekk mhux suppost li jkun hemm karrozzi fiha ħlief biex jgħaddu għas-*substation* tal-Enemalta.

## 16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

**16.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-16 biex tkun approvata mill-Kunsill. I-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 16. 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

**16.9.01** Il-laqgħa ntemmet fid-20.45 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta'Settembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, l-Erbgħa 19 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| **FFIRMATA** | **FFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |